# Salvu Frendo de Mannarino

*Ta'* ALF. NICHOLAS

KONT ili s-snin 'ntella' u nnizżel biex nikkopja bl-ortografija tal-Għaqda — jiġifieri b'dik il-kitba li l-lum hija magħrufa bħala ortografija uffiċjali — ix-xogħol sabiħ li kien tani kopja minnu wieħed malti li għalkemm għadda l-akbar sehem ta' ħajtu barra minn pajjiżu, u għalkemm ilu mejjet qrib it-tnejn u tletin sena, naħseb li ismu mhux mitluf għal kollox fost il-pajżani tagħna.



Salvu Frendo de Mannarino.

Dan ix-xogħol hu l-ATT TAL-FIDI (*Il Credo*) tal-kbir poeta Dante Alighieri, li Salvu Frendo kien qaleb għall-Malti, u, wara li ħa s-Sensja tal-Knisja, stampah f'Malta fl-1907. Mela naħsbu li jkun għajb kbir għal-Letteratura Maltija, jekk din il-kitba ma tiġġeddidx fi żmienna meta l-qari tal-Malti, nistgħu ngħidu, fostna l-Maltin sar *universali*.

Bħala Madħal tax-xogħol ta' Frendo hemm miġjuba *Fehma* li dehret fil-gazzetta *Is-Salib* tat-2 ta' Awissu 1907 mill-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi. F'dil-*Fehma* hemm tifħir lill-kittieb għall-ħila tiegħu li jaqleb għall-Malti xogħol hekk iebes li saħansitra hu (Ġ.M.A.) kien jitmeżmeż kieku kellu jidħol għalih—kif stqarr hu stess.

Min kien Salvu Frendo de Mannarino?

Frendo kien qarib tal-kbir patrijott malti, Dun Gejtan Mannarinu. Twieled il-Birgu fl-1845 u miet fil-Kajr (Eġittu), fi Frar ta' l-1918.

Frendo kien surmast u direttur ta' l-iskejjel, kien lingwista mill-akbar u għamel studji kbar fuq bosta ħwejjeġ—l-iżjed dawk li għandhom x'jaqsmu mal-letteratura. Jiena għaraft lil Salvu Frendo fl-Eġittu u kien l-akbar pjaċir tiegħi meta, fil-gallarija tal-Każin Malti tal-Kajr, kont noqgħod nisimgħu jitkellem; għax kliemu, billi f'dak iż-żmien kont għadni żagħżugħ ħafna, kien isaħħaħ it-tagħrif tiegħi.



Dal-pajżan tagħna ħalla warajh bosta kitba barra l-ATT TAL-FIDI. Fost ħwejjeġ oħra kiteb bil-malti: *Il-Barunissa Maltija*, rumanz patrju, fl-1893; *Hajjet Tobija*, miġjub fil-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien, 1910; *Ix-Xitan iqarmeċ Ras il-Mejjet*, 1908. Bit-Taljan: *Mannarino*, poema storiku-patrju, 1882; *La Rivolta della Campagna*, dramma f'erba' atti fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, 1892; *Passione e Morte di N.S. Gesù Cristo*, dramm bibliku f'ħames atti, 1892; u *Melitensium Amor*, epopea patrja, 1901.

Salvu Frendo kien patrijott mill-iżjed safi, dejjem ħabb u kiteb ilsien pajjiżu għalkemm, kif għidna fuq, kien lingwista mill-akbar, u kien bniedem sinċerament reliġjuż. Il-pariri li kien jagħti lilna ż-żgħażagħ kienu dejjem mill-iktar tajbin.

Frendo kien fl-Eġittu meta l-Kolonja tagħna kienet għadha fi twelidha u mill-ewwel kellu ħeġġa kbira għall-għaqda tal-Maltin, u għalhekk aħna nsibu ismu fost l-ewliena li kienu waqqfu fl-1880 is-Soċjetà Maltija tal-*Mutuo Soccorso*.

Meta miet, fil-għomor ta' tlieta u sebgħin sena, kien President ta' dix-Xirka.

Salvu Frendo kien malti tassew; imżejjen b'ruħ maltija minn kollox. Alla jagħti l-mistrieħ lil din ir-ruħ li dejjem fittxet il-ġid ta' għajrha.

---

## ATT TAL-FIDI
## TA' DANTE ALIGHIERI

*(Maqlub għall-Malti minn Salvu Frendo de Mannarino)*

S'issa ktibt fuq l-imħabba bosta rîmi(1)
u, biex nagħtihom ħlewwa l-aktar kbira,
u biex nisfihom ħlejt kemm kelli lîmi(2).
Imma 'ssa tagħhom nitlef sat-tifkira(3)
Irrid, u minn ġo qalbi naqta' ċ-ĉîmi,
li bihom kont marbut f'din il-għadira(4)
tal-qerq: Intbaht li s-snin illi Alla tâni,

(1) *rimi*: taqbil.
(2) *limi*: il-poeta jirfina l-versi tiegħu bl-istudju, kif il-ħaddied jirfina l-ħadid bil-lima.
(3) *tifkira*: memorja.
(4) *għadira tal-qerq*: vanità.